# DON JUAN

*(F'Veljun tal-Karnival tas-sena 1940)*

Iżfnu, tfajliet imsejknin li tħobbuni,
Ma' dawk li ħsiebhom safi u qalbhom kbira.
Qarrieqi jien u l-qerq m'għandux tifsira;
Iżfnu, tfajliet, u fittxu li tinsuni.

Imħabbti mhix imħabba: Kif tafuni,
Indur malajr, bħal 'b'valż' ma' kull tidwira.
Neħħu kull tama u ħassru kull tifkira;
Ħabbejt eluf u għad inħobb miljuni.

L-imħabba nistħajjilha qisha logħba:
Jien ħajti din, li nidħak biss bin-nisa
Għax qalb m'għandix, jew għandi gzuz u ħżiena.

Iżfnu għalhekk, tfajliet, m'oħrajn u jiena
Billi titilqu ma jkollix xi sogħba,
U l-għira illi nħoss (jekk qatt) nirfisha.

ALBERT M. CASSOLA.